Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 172/21**
il-Lussemburgu, 6 ta' Ottubru 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-35/20
A (Qsim ta' fruntieri permezz ta' dgħajsa ta' rikreazzjoni)

# Stat Membru jista' jobbliga, taħt piena ta' sanzjonijiet, li ċ-ċittadini tiegħu jkollhom fuqhom karta tal-identità jew passaport validi meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor, irrispettivament mill-mezz ta' trasport użat u mir-rotta.

*Għalkemm id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix li s-sanzjoni imposta tkun ta' natura kriminali, huwa jipprekludi għall-kuntrarju li s-sanzjonijiet ikunu sproporzjonati, bħalma hija multa li tammonta għal 20 % tad-dħul nett fix-xahar tal-awtur tar-reat.*

F'Awwissu 2015, A, ċittadin Finlandiż, wettaq vjaġġ bir-ritorn bejn il-Finlandja u l-Estonja fuq dgħajsa ta' rikreazzjoni. Matul dan il-vjaġġ, huwa qasam żona marittima internazzjonali li tinsab bejn il-Finlandja u l-Estonja. Għalkemm kien detentur ta' passaport Finlandiż validu, madankollu dan ma kienx fuqu waqt dan il-vjaġġ. Konsegwentement, matul kontroll fil-fruntieri mwettaq f'Ħelsinki fil-mument tar-ritorn tiegħu, A ma seta' jippreżenta la dan il-passaport u lanqas dokument ieħor tal-ivvjaġġar, filwaqt li l-identità tiegħu setgħet madankollu tiġi stabbilita abbażi tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu.

Is-syyttäjä (il-Prosekutur, il-Finlandja) ressaq proċeduri kontra A għal ksur minuri fir-rigward tal-fruntieri. Fil-fatt, skont il-leġiżlazzjoni Finlandiża, iċ-ċittadini Finlandiżi għandhom, taħt piena ta' sanzjonijiet kriminali, ikollhom fuqhom karta tal-identità jew passaport validi meta jivvjaġġaw, irrispettivament mill-mezz ta' trasport użat u mir-rotta, lejn Stat Membru ieħor jew meta jirritornaw fit-territorju Finlandiż minn Stat Membru ieħor.

Qabel kollox, ġie kkonstatat li A kien wettaq ksur peress li qasam il-fruntiera Finlandiża mingħajr ma kellu fuqu dokument tal-ivvjaġġar. Madankollu, ma ġiet stabbilita l-ebda piena fil-konfront tiegħu, peress li l-ksur kien minuri u li l-ammont tal-multa li setgħet tiġi imposta fuqu skont ir-reġim kriminali previst fid-dritt Finlandiż, abbażi tad-dħul medju fix-xahar tiegħu, kien eċċessiv, billi l-ammont totali tal-imsemmija multa kien jammonta għal EUR 95 250.

Peress li l-appell ippreżentat mill-prosekutur minn din id-deċiżjoni ma ntlaqax, huwa ppreżenta appell quddiem il-Korkein oikeus (il-Qorti Suprema, il-Finlandja). Din l-aħħar qorti sussegwentement iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà, mad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni għal moviment liberu previst fl-Artikolu 21 TFUE [1], tal-leġiżlazzjoni Finlandiża inkwistjoni f'dan il-każ u b'mod partikolari tar-reġim tas-sanzjonijiet kriminali li permezz tiegħu l-qsim tal-fruntiera nazzjonali mingħajr karta tal-identità valida jew passaport validu ikun punibbli b'multa li tista' tammonta għal 20 % tad-dħul nett fix-xahar tal-awtur tar-reat.

## Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, qabel kollox, il-kundizzjonijiet għall-impożizzjoni ta' obbligu li wieħed ikollu karta tal-identità jew passaport, taħt piena ta' sanzjonijiet, anki ta' natura kriminali, waqt vjaġġi lejn Stat Membru ieħor minbarra dak li tiegħu l-persuna kkonċernata jkollha n-nazzjonalità.

[1] Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-qsim tal-fruntieri stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen).

F’dan ir-rigward, hija tikkonstata, fl-ewwel lok, li l-kliem “għandhom karta ta’ l-identità valida jew passaport validu” użat fid-Direttiva 2004/38 [2], li tippreċiża l-Artikolu 21 TFUE, ifisser li l-eżerċizzju, miċ-ċittadini ta’ Stat Membru, tad-dritt tagħhom li jmorru fi Stat Membru ieħor huwa suġġett għall-kundizzjoni li huma jkollhom fuqhom wieħed minn dawn iż-żewġ dokumenti, li jkunu validi. Din il-formalità marbuta mal-moviment liberu [3] hija intiża li tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt ta’ moviment liberu billi tiggarantixxi li kull persuna li tibbenefika minn dan id-dritt tiġi identifikata bħala tali mingħajr diffikultà fil-kuntest ta’ verifika eventwali. Konsegwentement, Stat Membru li jobbliga liċ-ċittadini tiegħu jżommu fuqhom wieħed mid-dokumenti indikati, meta huma jaqsmu l-fruntiera nazzjonali sabiex imorru lejn Stat Membru ieħor, jikkontribwixxi għall-osservanza ta’ formalità.

Fir-rigward, fit-tieni lok, tas-sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fuq ċittadin tal-Unjoni li ma josservax l-imsemmija formalità, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, b’riferiment għall-awtonomija tal-Istati Membri f’dan ir-rigward, li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu sanzjonijiet, anki ta’ natura kriminali, sakemm dawn josservaw, b’mod partikolari, il-prinċipju ta’ proporzjonalità u ta’ nondiskriminazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi konsegwentement li **id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni għal moviment liberu ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha Stat Membru jobbliga, taħt piena ta’ sanzjonijiet kriminali, li ċ-ċittadini tiegħu jkollhom fuqhom karta tal-identità valida jew passaport validu meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor**, irrispettivament mill-mezz tat-trasport jew mir-rotta. Madankollu, il-modalitajiet ta’ dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, inklużi dawk ta’ proporzjonalità u ta’ nondiskriminazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tasal, barra minn hekk, għal din l-istess konklużjoni f’dak li jirrigwarda r-rekwiżit għal ċittadin ta’ Stat Membru li jkollu fuqu karta tal-identità jew passaport mad-dħul fit-territorju tiegħu meta jkun ġej minn Stat Membru ieħor. Madankollu, hija tippreċiża li, għalkemm tista’ tintalab il-preżentazzjoni ta’ karta tal-identità jew ta’ passaport mar-ritorn ta’ dan iċ-ċittadin ta’ Stat Membru fit-territorju tiegħu, l-obbligu li wieħed ikollu tali dokument ma jistax jikkundizzjona d-dritt ta’ dħul.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 21(1) TFUE u d-Direttiva 2004/38, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta’ proporzjonalità tal-piena prevista mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [4], jipprekludux reġim ta’ sanzjonijiet kriminali bħal dak previst fid-dritt Finlandiż fil-kuntest tal-qsim tal-fruntiera nazzjonali mingħajr karta tal-identità valida jew passaport validu.

F’dan ir-rigward, hija tirrileva li, għalkemm l-Istati Membri jistgħu jimponu multa sabiex jissanzjonaw il-ksur ta’ rekwiżit formali relatat mal-eżerċizzju ta’ dritt mogħti mid-dritt tal-Unjoni, **din is-sanzjoni għandha tkun proporzjonata mal-gravità tal-ksur**. Issa, meta, bħal f’dan il-każ, l-obbligu li wieħed ikollu fuqu karta tal-identità valida jew passaport validu jinkiser minn benefiċjarju tad-dritt għal moviment liberu li huwa detentur ta’ tali dokument iżda li jkun sempliċement naqas milli jżommu fuqu waqt il-vjaġġ tiegħu, il-ksur huwa ta’ gravità dgħajfa. Għaldaqstant, **sanzjoni pekunjarja tqila, bħal dik li tikkonsisti f’multa li tammonta għal 20 % tal-ammont tad-dħul nett medju fix-xahar tal-awtur tar-reat, ma hijiex proporzjonata mal-gravità ta’ dan il-ksur.**

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta’ kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib

[2] Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta’ l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta’ l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).
[3] Premessa 7 tad-Direttiva 2004/38.
[4] Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*